**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 61/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Pio Pisani)**

**Vs**

**MARK AZZOPARDI**

**Illum, 12 ta'Dicembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mark Azzopardi talli f'dawn il-Gzejjer, f'Hal-Ferh Holiday Complex, Ghajn Tuffieha, fit-2 ta'Lulju, 2000, ghal habta tas-1.00 p.m., (1) f'post pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil zieni, dan meta kkommetta attentat ghall-pudur fuq il-persuna ta'Marcellene Grech, bi ksur ta' l-Artikoli 207 u 209 tal-Kodici Kriminali, (2) fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku, neza' gharwien jew ma kienx liebes xieraq, bi ksur ta' l-Artikolu 338 (q) tal-Kodici Kriminali, u (3) wara li kien gja' gie kundannat ghal reat b'sentenzi ohra li kienu saru definittivi, ikkommetta reat iehor, dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 21 ta'Marzu, 2001, li biha Mark Azzopardi instab hati ta' l-ewwel u tat-tielet akkuzi, filwaqt li t-tieni akkuza kienet tinsab assorbita fl-ewwel akkuza, u, ghalhekk, gie kundannat ghall-tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors ta'appell ta'Mark Azzopardi datat 2 ta'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti tibdel is-sentenza appellata billi l-piena karcerarja ta' tlett xhur imposta fuqu mill-ewwel Qorti tigi mibdula b'wahda mhux karcerarja w, se mai, tghati dawk id-direttivi li jkunu jidrilha opportuni biex iwasslu ghar-riabilitazzjoni tieghu.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat l-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti.

Semghet bil-gurament lill-Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon kif ukoll lill-Mary Azzopardi li tigi omm l-appellant.

Rat ir-rapport imhejji mill-imsemmija Probation Officer.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

IKKUNSIDRAT :

Illi dan l-appell ta'Mark Azzopardi huwa limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena karcerarja ta' tlett xhur li l-ewwel Qorti nfliggiet fuqu.

Issa wara li din il-Qorti semghet bil-gurament lill-Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon, kif ukoll lill-Mary Azzopardi, omm l-appellant li obbligat ruha li tghajjex maghha lil dan binha u tghamel dak kollu li hu necessarju w mehtieg biex tara li hu joqghod ghal kull kura medika li tista' tinghatalu minhabba l-problema li ghandu ta' natura psikologika, wara li rat ir-rapport dettaljat ta' l-imsemmija Probation Officer, u hadet in kunsiderazzjoni dak kollu li huwa rilevanti, thoss li dan l-appellant Mark Azzopardi jisthoqqlu li jinghata l-opportunita' li jitfejjaq adegwatament mill-imsemmi problema li ghandu, dan billi jigi sottomess ghall-kura professjonali kif mehtieg u sorveljanza adegwata w kontinwa.

F'cirkostanzi bhala dawn, din il-Qorti, bhal ma gara drabi ohra, tinsab preparata li tiehu r-riskju li tpoggi lill-appellant taht supervizjoni ta'Ufficcjal tal-Probation. Naturalment, l-appellant hu avzat w imwissi li jekk jikser xi kundizzjoni li sejra timponi fuqu l-Qorti, jew jikkommetti xi reat, ikun xi jkun, waqt iz-zmien tal-probation, m'ghandhux wara jippretendi li jerga' jsib il-klemenza tal-Qorti, apparti l-fatt li allura jistghu jidhlu in operazzjoni d-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 li jitrattaw dwar cirkostanzi bhal dawn.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell ta'Mark Azzopardi billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta'htija fuqu skond is-sentenza appellata, qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha biss li tikkoncerna l-piena karcerarja mposta fuqu mill-ewwel Qorti, u ghalhekk, minflok dik il-piena karcerarja, qed tghamel fil-konfront ta' l-appellant Mark Azzopardi *Ordni ta'Probation* li qed jigi anness ma' din is-sentenza, u tpoggih tahtu (u dan wara li l-Qorti ghamlet dak li hu mehtieg skond is-subartikolu {5} ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152). Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon li qed tigi nominata minn din il-Qorti.

Aldo Testone
Dep.Registratur